ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 02** **IT-TNEJN 16 TA' APRIL 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 16 ta' April 2012 fit-8.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Ralph Puli, Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**02/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 01**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 01 li nżammet nhar it-Tlieta 3 ta' April 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax-il Kunsilliera (11) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 02 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**02/02 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2012**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala

moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2011
**b)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2012
**c)** *Bank Payments* Marzu 2012
**d)** *Petty Cash* Marzu 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Hdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**02/03 MOZZJONIJIET**

**02/03/01 MOZZJONI 01/2012 (VI) – TWAĦĦIL TA' CCTV CAMERAS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Ralph Puli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru01/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess li joffri ħajja ta' serħan il-moħħ lill-familji, tfal, żgħażagħ u anzjani residenti f'Ħal Qormi;

U billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess li jħares lil Ħal Qormi u lil Qriema kontra kull abbuż u illegalita, li xxekkel it-trankwillita' tagħhom;

U billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi huwa kommess li t-toroq u l-ispazji pubbliċi f'Ħal Qormi jintużaw b'mod sigur kif jixraq miċ-ċittadini onesti;

Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi;

1. Jinstalla numru ta' kameras tas-sigurta madwar Ħal Qormi.
2. Iħejji pjan serju li jistudja s-sitwazzjoni u jipproponi liema huma l-postijiet sensittivi li jeħtieġu nstallazzjoni ta' kameras.
3. Jagħmel sejħa, b'mod immedjat, għall-offerti biex jiġu nstallati kameras fi Ġnien Federik Maempel u Ġnien De La Cruz.

Wara diskussjoni fuq din il-mozzjoni, fuq proposta tal-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina, il-Kunsillier Ralph Puli emenda l-mozzjoni billi wara l-kliem "*Nipproponi li l-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi*" jiżdied il-kliem "

*jressaq it-talba tiegħu lir-Regjun biex :- "* u;
Flok il-kliem "*Jagħmel sejħa, b'mod immedjat, għall-offerti biex"* tigi taqra "*Jieħu ħsieb li ... "*

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 01/2012 (VI).**

**02/03/02 MOZZJONI 02/2012 (VI) – *UPGRADING* TA' TRIQ IL-KBIRA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Ralph Puli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru02/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jemmen li pjazez sbieħ u iffrekwentati jagħtu l-opportunita' lill-komunita' tersaq aktar flimkien.

Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jifhem li l-qalba tal-lokal tilqa' fiha attivita' li tagħti r-ruħ u l-ħajja lill-komunita' Qormija.

Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jifhem li t-tisbieħ tal-lokal itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-familji Qriema.

U wara li l-Kunsill preċedenti wettaq proġett ta' tisbieħ fil-Parti ta' Triq il-Kbira magħrufa bħala Pjazza San Franġisk.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi iwettaq proġett ta' tisbieħ fil-Parti ta' Triq il-Kbira magħrufa bħala Pjazza San Franġisk.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi iwettaq proġett ta' tisbieħ fi Triq il-Kbira:

1. b'tali mod, li jibda minn Pjazza San Frangisk u jgħaqqadha bħala proġett wieħed mal-pjazzetta ta' quddiem il-Kunsill Parrokjali ta' San Ġorġ;
2. liema tisbieħ ikun jinkludi pavimentar sabiħ u kulurit kif jixraq, stallar ta' dawl dekorattiv, u għamara oħra tat-triq fost l-oħrajn;
3. wara li tkun saret konsultazzjoni mar-residenti u ma' l-għaqdiet tal-lokal li jistgħu jiġu affettwati minn dan it-tisbieħ;
4. wara li jsiru l-pjanti, jinkisbu l-permessi meħtieġa u wara li toħroġ sejħa għall- offerti."

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 02/2012 (VI) sabiex skont artikolu 10 tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, tigi riferuta għal Kumitat ta' Proġetti.**

**02/03/03 MOZZJONI 03/2012 (VI) – PJAZZA TAL-GRAN MASTRU**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Ralph Puli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 03/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jemmen li pjazez sbieħ u iffrekwentati jagħtu l-opportunita' lill-komunita' tersaq aktar flimkien.

Billi l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jifhem li l-qalba tal-lokal tilqa' fiha attivita' li tagħti r-ruħ u l-ħajja lill-komunita' Qormija.

Billi l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jifhem li t-tisbieħ tal-lokal itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tal-familji Qriema.

U wara li l-Kunsill preċedenti wettaq proġett ta' tisbieħ madwar it-Tribuna ta' Pinto fi Pjazza tal-Granmastru.

Nipproponi li l-Kunsill Lokali Qormi iwettaq proġett ta' tisbieħ fil-Pjazza tal-Gran Mastru b'tali mod li l-proġett ta' tisbieħ:

1. ikopri l-Pjazza tal-Gran Mastru u l-madwar tal-Knisja Parrokjali ta' San Sebastjan
2. ikun jinkludi pavimentar kulurit kif jixraq, stallar ta' dawl dekorattivi, sigar u pjanti u għamara oħra tat-toroq fost l-oħrajn.
3. jaħseb għal parking organizzat possibilment taħt l-art

Nipproponi wkoll li bil-għan li jwettaq dan il-proġett ta' tisbieħ, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi:

1. Isejjaħ konsultazzjoni mar-residenti u ma' l-għaqdiet tal-lokal li jistgħu jiġu affetwati minn dan it-tisbieħ;
2. Jitlob biex isiru pjanti, possibilment b'sejħa kompettitiva;
3. Jikseb il-permessi meħtieġa;
4. Jesplora l-modi ta' finanzjament;
5. Joħroġ sejħa kompettitiva għall-offerti."

Wara li s-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien diġa beda jaħdem fuq dan il-proġett, u rreferiet għal sett ta' proposti li kien għadda l-perit tal-Kunsill (DOK B1), il-Kunsillier Ralph Puli aċċetta li jemenda l-mozzjoni billi jikkanċella il-kliem "*2. Jitlob biex isiru pjanti, possibilment b'sejħa kompettitiva*" mill-mozzjoni.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 02/2012 (VI) sabiex skont artikolu 10 tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, tigi riferuta għal Kumitat ta' Proġetti.**

**02/03/04 MOZZJONI NRU 04/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Billi s-Sur John Farrugia se jittermina l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv;

U billi s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid jinħtieġ l-għajnuna sakemm jintegra mal-lokalita' u max-xogħol li ġġorr magħha l-kariga;

U biex tingħata *handover* adegwata ħalli jkun hemm kontinwazzjoni efficjenti;

Qed jiġi riżolut li s-Sur Farrugia jkun impjegat fuq bażi *part-time* fil-grad ta' Uffiċċjal skala 5 sal-aħħar ta' Ġunju 2012"

Saret emenda biex flok il-kliem "*jkun fuq bazi part-time fil-grad ta' Uffiċċjal skala 5*" tigi taqra "*jiġu ingaġġati s-servizzi tiegħu.*"

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 04/2012 (VI).**

**02/03/05 MOZZJONI NRU 05/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Billi l-Viċi Sindku Jesmond Aquilina qiegħed diġa jirrapreżenta lill-Kunsill Lokali Ħal Qormi fir-Reġjun Nofsinhar;

Nipproponi li hu jibqa' r-rappreżentant permamenti tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi fl-istess Reġjun."

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 05/2012 (VI).**

## 02/03/06 MOZZJONI NRU 07/2012 (VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Nipproponi sabiex il-Kunsill jdaħħal l-internet fil-librerija għall-użu tal-pubbliku għal skopijiet edukattivi, kif ukoll li l-istess internet ikollu sistema ta' filtering effiċjenti peress li dan ser jkun jista' jintuża mit-tfal."

**Il-Kunsillier Antoine Saliba** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 07/2012 (VI).**

## 02/04 ASSENJAZZJONI TA' RESPONSABBILTAJIET LILL-KUNSILLIERA

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet il-mozzjoni 06/2012(VI) dwar il-formazzjoni ta' Kumitati, u lista ta' responsabbilitajiet.**

**KUMITAT FINANZI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Viċi Chairman | Viċi Sindku, Jesmond Aquilina |
| Membru | Ralph Puli |

**KUMITAT PROĠETTI INFRASTRUTTURALI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Viċi Sindku, Jesmond Aquilina |
| Viċi Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Membru | Ralph Puli |

**KUMITAT KUNTRATTI**

| | |
|---|---|
| Chairman | Sindku, Rosianne Cutajar |
| Viċi Chairman | Viċi Sindku, Jesmond Aquilina |
| Membru | Ralph Puli |

**REGJUN NOFSINHAR**

| | |
|---|---|
| Rappreżentant | Jesmond Aquilina |

**<u>Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Sitt Kunsill</u>**

**Sindku Rosianne Cutajar**
Kumitat Finanzi (Chaiperson); Kumitat Kuntratti (Chairperson);; Kumitat Progetti Infrastrutturali (Deputat Chairperson); Relazzjonijiet mal-Media; Editur tal-Gurnal *Id-Dielja*; Ir-Ricerka u l-Izvilupp Sostennibbli; L-ilmenti taċ-Ċittadini; Ordni Pubblika; Il-Politika Soċjali (Djalogu u Konsultazzjoni); Premju *INT*

**Viċi Sindku Jesmond Aquilina**
Kumitat Finanzi (Deputat Chaiperson); Kumitat Kuntratti (Deputat Chaiperson); Kumitat Progetti Infrastrutturali (Chairperson); Rappreżentant fir-Reġjun;

**Kunsillier Ralph Puli**
Kumitat Finanzi; Kumitat Kuntratti; Kumitat Proġetti Infrastrutturali; Tismija ta' Toroq

**Kunsillier Bjorn Azzopardi**
Edukazzjoni * ; Widien u Periferiji

**Kunsillier Robert Cremona**
Edukazzjoni; Animal Welfare

**Kunsillier Jason Busuttil**
Kultura * ; Wirt Storiku.

**Kunsillier Charles Farrugia**
Ambjent * ; Wirt Storiku * ; Anzjani

**Kunsillier Jerome Caruana Cilia**
Żgħażagħ; *Gender Equality*

**Kunsillier Margaret Mercieca**
Kultura; Sports

**Kunsillier Antoine Saliba**
Żgħażagħ * ; Sports * ;
Ħidma Internazzjonali (inkluż Ġemellaġġi, Turizmu, Eu Funding)

**Kunsillier Sean Meli**
Ħarsien Soċjali (Saħħa u Sigurta', Persuni b'Diżabilita') * ; Komunita Kummercjali;

* *Chairperson* f'każ ta' Sotto-Kumitat

**02/05 INFORMAZZJONI**

Il-Kunsillier Jason Busuttil informa lill-Kunsill li l-programm ta' Jum Ħal Qormi ser ikun jikkonsisti billi jiġu mogħtija l-premjijiet ta' Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila, filwaqt li ser jiġu involuta l-*brass bands* tal-lokalita' minflok titqabbad xi *band* partikolari. Jum Ħal Qormi ser jiġi ċċelebrat fil-25 ta' Mejju 2012.

**02/06 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:45 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)